**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 21 ta’ Ottubru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 1042/2021**

***MEGEVE LIMITED***

***vs.***

***KURATURI DEPUTATI DR. MARTHA MIFSUD U P.L. NICOLETTE AQUILINA A NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA’ GUY IGAL SACHLI***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar żewġ talbiet imressqa mill-kumpannija attriċi kontra Guy Igal Sachli;

***Daħla***

2. B’rikors maħluf imressaq fit-**22 ta’ Ottubru, 2021**, il-kumpannija attriċi fissret li b’kuntratt tat-2 ta’ Jannar, 2016 hija kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta’ USD50,000, daqs €43,110.00. Minkejja li l-konvenut tenna li huwa kien ħa jħallas lura din is-somma, huwa baqa’ ma ħallasx;

3. Għalhekk billi skont il-kumpannija attriċi s-somma ta' €43,110 hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tal-kumpannija attriċi, l-imsemmi Guy Igal Sachli ma kellux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra din it-talba għall-ħlas, hija talbet lil din il-qorti biex:

> «*1.Tgħaddi biex tiddeċiedi fuq it-talba tas-soċjetà kreditriċi attriċi bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)*; *u*
>
> *2. Tikkundanna lis-soċjetà debitriċi konvenuta tħallas (recte: lid-debitur konvenut iħallas) lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsin elf Dollaru Amerikan (USD 50,000) ekwivalenti għal tlieta u erbgħin elf, mija u għaxar Euro (€43,110.00), oltre l-imgħax skont klawsola 4.1 ta' l-iskrittura tat-2 ta' Jannar 2016, liema ammont huwa minnha (recte minnu) dovut għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.»*

4. B'digriet kamerali mogħti fid-**<u>29 ta' Ottubru, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lil Guy Igal Sachli u tagħtu l-jedd li jekk irid iressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha jattakka l-proċedimenti magħmula mill-kumpannija attriċi, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet il-qorti wissiet lill-imħarrek li jekk huwa ma jidhirx għas-smigħ, il-qorti kienet sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi, skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Fl-**<u>10 ta' Jannar, 2022</u>**, l-avukata Martha Mifsud u l-prokuratur legali Nicholette Aquilina Di Noto ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut Guy Igal Sachli f'dawn il-proċeduri (ara d-digriet misjub f'paġna 20 tal-atti tal-kawża). Dawn il-kuraturi ġew notifikati bir-rikors maħluf u bl-avviż tas-smigħ fis-**<u>27 ta' April, 2022</u>** (ara n-nota tal-Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali f'paġna 43A tal-atti tal-kawża);

6. Il-kuraturi deputati maħtura biex jirrappreżentaw lill-konvenut Guy Igal Sachli wieġbu fit-**<u>28 ta' April, 2022</u>** u qalu hekk:

> *«Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti.*
>
> *Illi l-esponenti jirriżervaw kull dritt spettanti lilhom sabiex iressqu kemm provi jew sottomissjonijiet f'mumenti opportuni ġaladarba huma jiġu edotti mill-fatti.»*

7. Fis-seduta tas-**<u>16 ta' Mejju, 2022</u>**, fid-dawl tal-fatt li l-konvenut kien jinsab rappreżentat f'din il-kawża minn kuraturi deputati, il-kumpannija attriċi rtirat l-ewwel talba tagħha sabiex din il-kawża tinqata' mingħajr smigħ skont l-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8. Wara t-tweġiba tat-28 ta' April, 2022, il-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda tweġiba oħra;

9. Inġabru l-provi kollha u bi qbil bejn il-partijiet waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2022, din il-kawża tħalliet għas-sentenza biex tingħata llum;

***Fatti***

10. B'kuntratt tat-2 ta' Jannar, 2016, il-konvenut Guy Igal Sachli ssellef mingħand l-kumpannija attriċi s-somma ta' USD 50,274 (ara paġni 9 sa 10 tal-atti tal-kawża). Skont dan il-kuntratt, is-self kellu jintradd lura bir-rata ta' mgħax ta' 8% fis-sena, wara li jgħaddi l-perijodu ta' sentejn. Wara dawk is-sentejn is-self kellu jiġi mġedded awtomatikament sena b'sena, sakemm wieħed mill-kontraenti jagħti xahar avviż bil-miktub lill-kontraenti l-ieħor li s-self kien sejjer jiġi mitmum;

11. Il-kumpannija attriċi tgħid li sal-lum Guy Igal Sachli għadu ma raddx lura l-flus li ngħata;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Din hija kawża fejn il-kumpannija attriċi qiegħda titlob li l-konvenut Guy Igal Sachli jħallasha lura s-somma flus li hija kienet sellfitu b'kitba privata tat-2 ta' Jannar, 2016;

13. Għalhekk il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk il-kumpannija attriċi rnexxilhiex turi li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex hija tiġbor mingħand il-konvenut is-somma kollha li hija qiegħda tgħid li hija dovuta lilha;

14. Il-qorti tqis li hekk kif joħroġ mill-**artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili**, is-self huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef, li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità (ara ***Paul Cremona et v. Dr. Antoine Gambin et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2001);

15. Meta bħal f'dan il-każ, l-oġġett misluf ikun dak ta' flus, l-**artikolu 1844 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li l-persuna li tirċievi l-flus missellfa għandha trodd lura l-istess ammont ta' flus li tkun irċeviet skont il-valur legali tagħhom fiż-żmien tal-ħlas (ara ***Karmenu Mifsud v. Mariano D'Amato*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2006). Il-liġi tgħid ukoll fl-**artikolu 1850(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li l-partijiet f'kuntratt ta' self jistgħu jaqblu li għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet fuq l-ammont misluf;

16. Kif ingħad f'għadd ġmielu ta' sentenzi, il-partijiet jistgħu jaqblu bejniethom li bit-tħaddim tal-**artikolu 1070(1) tal-Kodiċi Ċivili**, l-obbligazzjoni tar-radd lura tal-flus mislufa għandha tiġi mwettqa billi jingħata żmien fiss. Dan iż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, imma skont l-**artikolu 1071 tal-Kodiċi Ċivili** jdewwem biss l-eżekuzzjoni tagħha, u sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata skont l-**artikolu 1072 tal-Kodiċi Ċivili** ma tistax tintalab qabel

jagħlaq dak iż-żmien. Dan il-kunċett, li huwa magħruf bħala l-benefiċċju taż-żmien, huwa skont l-**artikolu 1073 tal-Kodiċi Ċivili** mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni (ara *inter alia* ***Bank of Valletta plc v. Ċefai Estates Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 2018, ***Banif Bank (Malta) plc v. Nutar Anthony Cachia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju, 2016 u ***Bank of Valletta plc v. Angela Mizzi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2007);

17. Fil-każ tagħna ż-żmien fiss ta' sentejn li fih il-konvenut kellu jrodd lura l-flus mislufa lilu mill-kumpannija attriċi ġie fi tmiemu fl-1 ta' Jannar, 2018. Mill-provi li nġabu quddiemha, din il-qorti ma ngħatalhiex tagħrif dwar jekk is-self kienx ġie awtomatikament imġedded b'sena, wara li għadda l-perijodu ta' sentejn. Madankollu, id-direttur tal-kumpannija attriċi, Wilhelmus Adrianus Woestenburg, xehed bil-ġurament tiegħu li huwa kien irċieva ittra elettronika mingħand il-konvenut fejn dan għarrfu li l-ammont misluf kien sejjer jitħallas lura kollu sal-aħħar tas-sena 2019. Skont Woestenburg, il-konvenut qatt ma ċaħad l-obbligu tiegħu li jħallas lura d-dejn li kellu mal-kumpannija attriċi, iżda minkejja dan, huwa baqa' ma ħallas xejn. Dan ifisser għal din il-qorti li s-self ma ġiex imġedded u għalhekk dan kellu jiġi mrodd lura;

18. Min-naħa tagħhom, il-kuraturi deputati li ġew maħtura biex jirrappreżentaw lill-konvenut f'din il-kawża fl-ebda waqt ma merew jew pruvaw ixejnu l-verżjoni ta' Wilhelmus Adrianus Woestenburg. Il-provi mressqa mill-kumpannija attriċi biex tneħħi l-piż tal-prova li hija kienet qiegħda ġġorr ma ġewx imwaqqa' jew imxejna minn xi provi oħra min-naħa tal-kuraturi deputati. Dawn tal-aħħar naqsu milli jagħmlu użu mill-għodda proċedurali tal-kontro-eżami mogħtija lilhom biex iġibu fix-xejn il-verżjoni tal-Woestenburg, forsi wkoll għaliex huma baqgħu ma rnexxilhomx jikbsu tagħrif dwar il-fatti li jsawru dan il-każ mingħand il-konvenut (ara f'dan is-sens ***David Galea v. Stephen Bonniċi***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta' Novembru, 2005). Għalhekk, *nolens volens* il-qorti m'għandhiex triq oħra għajr li temmen il-verżjoni tal-kumpannija attriċi;

19. F'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-konvenut, din il-qorti sejra tissokta billi tilqa' t-tieni talba tal-kumpanija attriċi;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tastjeni</u>** milli tqis l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex din it-talba ġiet irtirata waqt is-smigħ ta' din il-kawża; u

ii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tal-kumpannija attriċi u b'hekk tikkundanna lil Guy Igal Sachli jħallasha s-somma ta' USD 50,000 jew €43,110.00, bl-imgħax bit-8% skont il-ftehim tat-2 ta' Jannar, 2016;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma minn Guy Igal Sachli.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**